32006R1221

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1221/2006

tal-11 ta' Awwissu 2006

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1623/2000 tal-25 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizazzjoni komuni tas-suq tal-inbid fir-rigward tal-mekkaniżmi tas-suq

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikoli 45, 59 u 61 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1623/2000 [2]jistabbilixxu ċerti dati li għandhom x'jaqsmu mad-distillazzjoni tal-prodotti sekondarji fil-produzzjoni tal-inbid. Minħabba li fis-sena tal-inbid 2005/2006 il-ħsad kien kbir, ċerti Stati Membri għandhom problemi materjali biex ikunu jistgħu jispiċċaw id-distillazzjoni fiż-żmien stipulat. Għalhekk l-iskadenzi msemmija għandhom jiġu estiżi.

(2) L-Artikolu 63a tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000, dwar id-distillazzjoni tal-inbid f'alkoħol tajjeb għax-xorb jistabbilixxi perċentwali tal-produzzjoni li biha, il-produtturi jistgħu jipparteċipaw f'din id-distillazzjoni. Għandha tiġi stabbilita din il-perċentwali għas-sena tal-inbid 2006/2007.

(3) Għalhekk għandu jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1623/2000.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operazzjonijiet għall-produtturi konċernati, dan ir-Regolament għandu japplika mis-16 ta' Lulju 2006.

(5) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Inbejjed,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1623/2000 jiġi emendat kif ġej:

1) Fl-Artikolu 45(1), ir-raba' inċiż jitbiddel bit-test li ġej:

"B'deroga fl-ewwel inċiż għas-snin tal-ħsad 2004/2005 u 2005/2006, id-data stabbilita fl-ewwel inċiż hija differita għall-31 ta' Awwissu tas-sena tal-inbid ta' wara."

2) Fl-Artikolu 59, it-tielet inċiż huwa mibdul bit-test li ġej:

"B'deroga fl-ewwel inċiż għas-snin tal-ħsad 2004/2005 u 2005/2006, id-data stabbilita f'dan l-inċiż hija differita għall-15 ta' Settembru tas-sena tal-inbid ta' wara."

3) Fl-Artikolu 61(3), it-tieni inċiż jiġi mibdul bit-test li ġej:

"Għaldaqstant, għas-snin tal-ħsad 2004/2005 u 2005/2006, id-data stabbilita fl-ewwel inċiż hija differita għall-15 ta' Settembru tas-sena tal-inbid ta' wara."

4) Fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 63(2), l-aħħar sentenza tiġi mibdula bit-test li ġej:

"Għas-snin tal-ħsad 2004/2005, 2005/2006 u 2006/2007, din il-perċentwali hija stabbilita għal 25 %".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mit-tielet jum wara li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Japplika mis-16 ta' Lulju 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2165/2005 (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 1).

[2] ĠU L 194, 31.7.2000, p. 45. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1820/2005 (ĠU L 293, 9.11.2005, p. 8).